MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2006

Rikors Numru. 117/2005

**Maltacom plc**

**vs**

**Jason Schembri**
**(I.D. 256765M)**

Il-Qorti

Rat ir-rikors tas-socjeta rikorenti Maltacom p.l.c. fejn gie premess :

Illi l-kawza fl-ismijiet Maltacom plc kontra Jason Schembri (Citazzjoni numru 2643/98 GCD) giet deciza min din il-Qorti 20 ta' Mejju 1999 u fl-istess kawza l-konvenut kien

gie kkundannat jhallas lill-Maltacom plc s-somma ta' Lm1447.68 (elf, erbgha mija sebgha u erbghin liri maltin u tmienja u sittin centezmi), in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 333437 li kien installat fil-fond ‘Windsor’ Flat/2, Triq Testaferrata, Msida, bl-imghax u bl-ispejjez;

Illi mill-imsemmija somma l-konvenut ghadu ma hallas xejn, u b’hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-sorte fuq indikat, oltre Lm178.86 (mija tmienja u sebghin liri maltin u sitta u tmenin centezmi) spejjez u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument “A” kif ukoll Lm627.33 (sitt mija sebgha u ghoxrin liri maltin  u tlieta u tletin centezmi), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sal-lum, u ghalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta’ Lm2253.87 (elfejn, mitejn tlieta u hamsin liri maltin u sebgha u tmenin centezmi), salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv;

Illi mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-socjeta esponenti ghandha interess illi tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut;

Ghaldaqstant is-socjeta rikorrenti, filwaqt li ghamlet referenza ghall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta) talbet li dina l-Qorti tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati;

Rat li l-intimat debitament notifikat naqas li jidher u naqas li jippresenta r-risposta tieghu;

Semghet ix-xhud prodott mis-socjeta rikorrenti;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Mill-provi kollha prodotti t-talbiet tas-socjeta rikorrenti jirrizultaw suficjentement pruvati u ghalhekk l-istess talbiet jimmeritaw li jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet kollha tas-socjeta rikorrenti;

Spejjez kollha kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------